MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 926/2011

**Gavin Buttigieg**

**(I.D. Numru 15477 (M))**

**vs**

**Denis Zammit**

**(I.D. Numru 456966 (M))**

**u b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2012, is-socjeta`**

***Atlas Insurance PCC Limited* interveniet fil-kawza**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat is-26 ta' Settembru, 2011, li pemezz tieghu sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi ghall-habta tas-7.15a.m. ta' l-1 ta' Marzu, 2010, fi Triq l-Imsida, il-Gzira, r-rikorrenti safa imtajjar u korrut minn vettura tal-marka *Toyota Hi*-Ace, numru FAE – 761, misjuqa mill-intimat Zammit;

1.2. Illi l-intimat fuq indikat hu unikament responsabbli ghal dan l-incident li sar tort u htija tal-istess intimat b'negligenza, traskuragni, imperizja u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tas-sewqan;

1.3. Illi dan hu wkoll ikkonfermat mis-segwenti dokumenti:

1.3.1. Ir-rapport ufficjali tal-incident, (ara foll 5);

1.3.2. L-istqarrija tal-intimat;

1.4. Illi l-intimat laqghet lir-rikorrenti waqt li dan kien niezel mit-trakk tieghu b'illi skont l-istess intimat dan kellu jaghfas fuq it-trakk peress li man-naha l-ohra kien hemm trakk iehor ipparkjat;

1.5. Illi t-trakk tar-rikorrenti kien ipparkjat *f'parking bay* u r-rikorrenti kien semplicement niezel minnu;

1.6. Illi b'rizultat tal-istess impatt, ir-rikorrenti sofra griehi gravi fuq il-persuna tieghu kif jidher mis-segwenti dokumenti:

1.6.1. Rapport rilaxxat minn W.P.C. 215 Valerie Farrugia, (ara foll 9);

1.6.2. Rapport mediku, (ara foll 10);

1.7. Illi b'rizultat tal-imsemmi incident ir-rikorrenti sofra s-segwenti danni:

1.7.1. Dawk rigwardanti spejjez ta' kuri mehtiega;

1.7.2. Dawk derivanti minn dizabilita` permanenti, (ara foll 13);

1.7.3. Dawk materjali ohra;

1.8. Illi r-rikorrenti kellu jbiddel in-natura tax-xoghol li kellu *stante* li konsegwenza tal-istess incident, ma' setghax jibqa` jaghmel ix-xoghol li kellu;

1.9. Illi nonostante li interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u pagament tad-danni kkoncernati, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li fih safa midrub ir-rikorrenti minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-intimat;

1.10.2. Tiddikjara lill-istess intimat ukoll unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-imsemmi incident;

1.10.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' *periti nominandi*;

1.10.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidat lir-rikorrenti;

1.10.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat, (ara foll 1 sa 3);

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-incident in dizamina ma sehhx tort tal-intimat;

2.2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jrid jipprova d-danni riklamati;

2.3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

2.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, (ara foll 33);

3. Rat ir-rikors tas-socjeta *Atlas Insurance PCC Limited* datat l-20 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li tigi awtorizzata tintervjeni fil-kawza in dizamina, (ara foll 36);

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-18 ta' Jannar, 2012, li permezz teighu laqghet it-talba tas-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 40);

5. Rat id-digriet ulterjuri taghha wkoll diversament preseduta datat ukoll it-18 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu hatret espert mediku hemm indikat, (ara foll 43);

6.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intervenuta fil-kawza fuq indikata datata t-3 ta' Frar, 2012, li permezz taghha essenzjalment irrepetiet ir-risposta tal-intimat *verbatim* u sintetikament esponiet is-segwenti:

6.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

6.2. Illi l-incident in dizamina ma sehhx tort tal-intimat;

6.3. Illi r-rikorrenti jrid igib prova tad-danni subiti;

6.4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, (ara foll 46);

7. Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku fuq gia` riferit datat il-21 ta' Frar, 2012, (ara foll 74 *et sequitur*);

8. Rat id-digriet tal-istess qorti fuq riferit kif preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentant legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 82);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datat, z-17 t'Ottubru, 2013, (ara foll 83), u dik kongunta tar-rikorrenti u tas-socjeta` intervenuta fil-kawza datata l-25 ta' Novembru tal-istess sena, (ara foll 85);

10. Rat il-verbal datat l-4 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu jirrizulta li l-kawza giet trattata mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet quddiem din il-qorti kif hemm diversament preseduta u kienet imhollija ghas-sentenza, (ara foll 88);

11. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha l-kawza odjerna giet trasferita b'effett immedjat lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 89);

12. Rat id-digriet taghha datat l-14 t'April, 2014, fejn peress li l-iskop indikat fid-differiment precedenti, (ara paragrafu numru ghaxra, (10), aktar qabel), ma setghax jintlahaq imhabba l-izviluppi li sehhew fir-rigward, awtorizzat lill-partijiet jittrataw oralment il-kawza mill-gdid, (ara foll 91);

13. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali fuq riferiti jittrattaw il-kaz taghhom oralment;

14. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

15. Ezaminat ukoll ix-xhieda prodotta, anke dikipprezentata permezz ta' dikjarazzjoni guramentata;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-1 ta' Marzu, 2010, ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu, (7.15 a.m.), fi Triq l-Imsida, il-Gzira, faccata ta' *Manoel Island*;

16.2. Illi r-rikorrenti kien bit-trakk tieghu tal-marka *Leyland* bin-numru CAI – 819, u kien "ipparkjat b'mod normali", (ara foll 72 A), fl-imsemmija triq;

16.3. Illi meta l-istess rikorrenti "kien hiereg mit-trakk tieghu, dan qala d-daqqa" (ara foll 72 A), mill-vann tal-marka *Toyota Hi-Ace* gia` fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.) aktar qabel), misjuq mill-intimat, u spicca ma' l-art, (ara foll 72 A);

16.4. Illi fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm "trakk kbir ipparkjat fuq in-naha tal-lemin li kien *double parking*, u (l-intimat) qabzu biex ikun jista` jghaddi", (ara foll 54 A);

16.5. Illi l-incident in dizamina gie kkagunat meta fl-istess hin li l-intimat kien qed jimmanuvra l-azzjoni tieghu "fil-pront nizel Buttigieg mit-trakk tieghu li kien ipparkjat fuq ix-xellug tat-triq u hu laqtu", (ara foll 54 A);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi mir-relazzjoni medika tal-espert tekniku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi l-incident in dizamina sehh precizament meta r-rikorrenti kien gia` nizel mit-trakk tieghu u kien qieghed jaghlaq il-bieba tal-istess, (ara foll 75);

17.2. Illi rizultat tal-istess incident ir-rikorrenti sofra ksur fl-ghadam tal-polz (t'idejh) il-leminija in-naha t'isfel tar-*"radius"* (ara foll 75);

17.3. Illi l-ghad li mill-isptar ikkongedew lir-rikorrenti wara li ghamlulu *"back slab"*, ghamlulu l-gibs biex jimmobilizzaw il-polz involut u dan inzamm ghall-hames (5) gimghat, (ara foll 75);

17.4. Illi sussegwentement, wara li tnehha l-gibs li kienu ghamlulu, r-rikorrenti gie riferit ghal fizjaterapija, (ara foll 75);

17.5. Illi r-rikorrenti rega rritorna ghax-xoghol fit-2 t'Awwissu, 2010, u tpogga fuq *"light duties"*, (ara foll 75);

17.6. Illi b'effett tal-istess incident, ir-rikorrenti ma setghax jaghmel xoghol iebes bhal, per ezempju;

17.6.1. Iqieghed il-gebel, u

17.6.2. Ipoggi l-konkrit, (ara foll 76);

17.7. Illi *di piu`*, effett tal-istess incident ir-rikorrenti skopra li ma setghax izomm affarijiet f'idejh il-leminija meta din tkun wicca l-fuq, (ara foll 76);

17.8. Illi meta r-rikorrenti gie ezaminat mill-istess espert mediku *de quo*, dan ikkonstata s-segwenti:

17.8.1. Illi l-polz u d-driegh tal-lemin tar-rikorrenti kienu kemmxejn minfuhin, (ara foll 76);

17.8.2. Illi l-polz tal-lemin tar-rikorrenti seta` jitla` l-fuq b'60 grad u jinzel l-isfel b'40 grad, (ara foll 76);

17.8.3. Illi dak tax-xellug seta` jitla sa 70 grad u jinzel l-isfel b'55 grad, (ara foll 76);

17.8.4. Illi fil-pala t'idejh ir-rikorrenti kellu 50 fil-mija tal-muviment normali, (ara foll 75), meta jdawwarha il-fuq;

17.8.5. Illi pero` meta jdawwar l-istess pala wicca l-isfel, dan seta` jaghmel dan il-muviment bi shih, (ara foll 76);

17.8.6. Illi l-istess rikorrenti seta` jharrek il-polz lejn is-sebgha z-zghir bi shih u lejn is-sebgha l-kbir bi 80 fil-mija tan-normal, (ara foll 76);

17.8.7. Illi l-id il-lemminija setghet taghmel ponn b'sahhtu, (ara foll 76);

17.8.8. Illi r-rikorrenti seta` jaghfas subghajh il-kbir ma' subghajh il-werrej b'sahha, (ara foll 77);

17.9. Illi ezamijiet radjologici *"CT scan"* kondotti fuq ir-rikorrenti irrilevaw is-segwenti: (ara foll 77);

17.9.1. Illi ma kien hemm l-ebda anormalita` fl-ispina, fil-*"pelvis"* u fil-mohh;

17.9.2. Illi l-irkoppa x-xellugija wriet *“bipartite patella”*;

17.9.3. Illi d-driegh t’isfel u l-polz tal-lemin urew ksur in-naha t’isfel tar-*“radius”* li kien jestendi sal-wicc tal-gog tal-polz;

17.10. Illi ezamijiet radjologici sussegwenti wrew li l-ksur riskontrat u fuq indikat inghaqad f’posizzjoni tajba, (ara foll 77);

17.11. Illi finalment, *EMG* mehud ma wera l-ebda anormalita`, (ara foll 77);

17.12. Illi l-espert tekniku nominat finalment wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet: (ara foll 77),

17.12.1. Illi r-rikorrenti kiser in-naha t’isfel tar-*“radius”* tal-lemin;

17.12.2. Illi l-ksur kien jestendi sal-gog;

17.12.3. Illi r-rikorrenti ghandu muviment tajjeb ghalkemm dan hu “kemmxejn anqas” fil-polz tal-lemin minn dak tax-xellug;

17.12.4. Illi dan il-ksur jista` jizviluppa f’artrite qabel iz-zmien;

17.12.5. Illi l-probabilita` ghal dan tizdied jekk ir-rikorrenti jinvolvi ruhhu f'xoghol ta' strapazz bil-polz tal-lemin tieghu;

17.13. Illi in vista tal-premess l-istess espert tekniku ikkonkluda li r-rikorrenti qieghed ibaghti b'dizabilita` permanenti ta' 5% kagun tal-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

18. Illi tenut kont tal-assjem tal-provi kollha esebiti, din il-qorti kif preseduta m'ghandha l-ebda raguni ghaliex ma tistriehx kompletament fuq il-konkluzjonijiet fuq esposti u konsegwentement qed tadotta l-istess u taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

19. Illi *di piu`*, l-istess intimat isostni fix-xhieda guramentata tieghu, (ara foll 82 A), li fil-hin tal-incident hu kien qieghed isuq b'velocita` t'erbghin (40) kilometru fis-siegha;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi kif jirrizulta mix-xhieda fuq sintetikament elenkata jista` jigi konkluz is-segwenti:

20.1. Illi r-rikorrenti kien regolarment ipparkjat fuq in-naha tieghu tat-triq, (ara skrizz a foll 56);

20.2. Illi t-triq in dizamina kienet ingumbrata b'vetturi aktar minn dak li ghaliha kienet progettata billi jirrizulta li fuq il-karreggjata opposta ghal fejn kien ipparkjat it-trakk tar-rikorrenti kien hemm zewg (2) vetturi pparkjati orizzontalment ma xulxin bl-hekk imsejjah *"double parking"*;

20.3. Illi tali rizultanza ghalhekk holqot onus aktar iebes fuq l-intimat billi l-ispazju hekk rizultanti ma kienx jippermettilu jsuq b'velocita` t'erbghin (40) kilometru fis-siegha;

20.4. Illi kien jinkombi fuq l-intimat li allura meta ra li l-wisgha tat-triq giet hekk ferm aktar ridotta hu kellu jirreagixxi ghall-istess cirkostanza billi juza aktar prudenza fis-sewqan u jnaqqas ferm aktar il-velocita` li kien qed isuq biha;

20.5. Illi ghandu jkun pacifiku, anzi ovvju, li kull konducent ghandu jirregola s-sewqan tieghu mhux skont il-limitu li tippermettilhu l-ligi, izda skont il-limitu li jippermettulhu c-cirkostanzi li jistghu jizviluppaw fir-realta` in dizamina;

20.6. Illi ghalhekk meta rinfaccat bi trakk kbir fuq naha, u b'zewg vetturi pparkjati orizzontalment hdejn xulxin bil-konsegwenza li l-ispazju li fih l-intimat ried necessarjament jimmanuvra, dan kien obbligat jirriduci l-velocita` li kien qed isuq biha biex ma jkunx ta' periklu ghalih u ghal terzi;

20.7. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-intimat m'uzax dik il-prudenza rikjesta mill-okkazzjoni kif giet hekk kreata, u b'hekk ghandu jigi rinfaccat bil-konsegwenzi tad-decizjoni tieghu li jkompli jsuq bl-istess velocita` li kien qed isuq biha, meta c-cirkostanzi kif zviluppaw kienu jirrikjedu minnu li jnaqqas il-velocita`;

20.8. Illi *di piu`* jirrizulta assodat u bl-ebda mod kontradott, li qabel ma r-rikorrenti hareg mit-trakk tieghu, hu hares mill-mera, (ara foll 72 C);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. *Damnum Emergens*:

21.1.1. Illi r-rikorrenti ghamel hames (5) gimghat b'idejh fil-gibs;

21.1.2. Illi anke wara dan il-perjodu r-rikorrenti baqa jsofri minn ugiegh konsegwenza tal-istess incident;

21.1.3. Illi bhala persuna impjegat fix-xoghol tal-kostruzzjoni r-rikorrenti kellu jbiddel ix-xoghol tieghu minhabba dan l-incident;

21.1.4. Illi r-rikorrenti dam hames (5) xhur barra mix-xoghol – mill-1 ta’ Marzu sat-2 t’Awwissu, 2010;

21.1.5. Illi konsegwenza ta’ l-istess sofra telf ta’ paga fl-ammont ta’ tlett elef u hames mitt Ewro, (€3,500.00);

21.1.6. Illi l-istess rikorrenti sofra erbgha mija u disa` u sittin Ewro, (€469.00), spejjez tal-konsulent mediku tieghu;

21.2. *Lucrum Cessans*:

21.2.1. Illi skont l-espert tekniku fuq riferit d-dizabilita` permanenti sofferta mir-rikorrenti tammonta ghal grad ta’ hamsa fil-mija (5%) u mhux ta’ tmienja fil-mija (8%) kif jikkonkludi l-konsulent *ex parte*;

21.2.2. Illi din il-qorti taqbel pero` mal-*multiplier* kif indikat mir-rikorrenti, (ara foll 29);

21.2.3. Illi din il-qorti taqbel ukoll, fin-nuqqas tal-kontradittorju, li d-dhul annwu tar-rikorrenti ghandu jitqies li hu ta’ tlettax –il elf u tlett mitt Ewro, (€13,300.00), (ara foll 29);

21.2.4. Illi ghalhekk l-ammont globali hawn involut ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

€13,300 x 32 x 5%

21.2.5. Illi ghalhekk l-ammont finali ghandu jkun ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u tmenin Ewro, (€21,280.00);

Ikkunsidrat:

22.0. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv involut ghandu jkun is-segwenti:

22.1. *Damnum Emergens*: € 3,969.00

22.2. *Lucrum Cessans* : €21,280.00

22.3. Total Komplessiv : €25,249.00

Ikkunsidrat:

23.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li

takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti Gavin Buttigieg, tirrespingi r-risposti tal-intimat Denis Zammit, u ghalhekk:

**DECIDE:**

23.1. Tiddikjara lill-intimat fuq indikat unikament responsabbli ghall-incident in dizamina fuq espost li fih safa` midrub ir-rikorrenti minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan *da parti* tal-istess intimat;

23.2. Tiddikjara lill-istess intimat ukoll unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-imsemmi incident;

23.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf mitejn u disgha u erbghin Ewro, (€25,249.00);

23.4. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti fuq ukoll indikat;

23.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet relattivi skont il-ligi mis-26 ta' Settembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-istess intimat;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------